**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 /4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 79

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 79 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024, fil-5:30 pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 5 ta'Ġunju, 2024
Segretarju Ezekuttiv

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

Assenti

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30 hrs.

**79.1 Qari ta’ ittri ta’ apoloġija**

Il-kunsill ma rċieva l-ebda notifika ta’apoloġija mingħand il-Kunsilliera

**79.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (78)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti bil-Kunsillier Alfred Bray jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**79.3 Punti mill-Minuti**

**Petizzjoni 55/0165/24**

Fit-22 ta’Mejju 2024 il-kunsill kiteb lid-DĠ mid-Diviżżjoni tal-Manutenzjoni u Indafa biex jittieħdu numru ta’ azzjonijiet relatati maż-żona ta’ taħt il-belvedere fi Triq San Franġisk.

**Struttura f’Buġibba Perched Beach - Nine Lives**

L-avukat Dr Amadeus Cachia, f’isem il-kunsill bagħt ittra uffiċjali datata, 23 ta’ Mejju 2024 kif kien ġie deċiż mill-kunsill. Sa llum, il-kunsill ma rċieva l-ebda risposta.

L-avukat immexxi kif meħtieġ biex jiġi nfurzat dak li ġie deċiż mill-kunsill wara li jsiru l-verifiki jekk l-ittra ġietx notifikata.

**Appeal PAB 00202/23 (PC 0062/22) Struttura fi Triq tax-Xema**

Fil-5 ta’ Ġunju 2024 l-avukat Dr Amadeus Cachia, f’isem il-kunsill, ressaq rikors fil-Qorti ta’ l-Appelli kontra l-Awtorita ta’ l-Ippjana u sid il-binja nkwisstjoni kif ġie deċiż mill-kunsill.

**79.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Leave addizzjonali**

Is-Sindku Alfred Grima irringrazzja lil ħaddiema kollha tal-kunsill għall-ħidma mwettqa minhom. Ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova ġurnata leave addizzjonali għal ħaddiema kollha bħala rikonoxximent. Il-kunsill approva nem.con.

**Kids Park open space Triq Cassarino**

Il-kunsill qabel li petizzjoni miġbura mir-residenti għanda tiġi diskussa mill-kunsill elett ġdid.

**Summer Break**

Il-kunsill qabel li t-toroq kollha ta’ San Pawl il-Baħar, il-Qawra, Bugibba u x-Xemxija jkunu kollha inklużi għar-*recess period*. Din għanda ssir permezz ta’ talba lil-Awtorita’ tat-Turiżmu.

**79.5 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

Is-Sindku Alfred Grima preżenta somarju awditjat tal-pożizzjoni finanzjarja tal-kunsill perjodu 31/12/2018 – 31/12/2023 li ġie ppreparat mill-accountant Adam Vella.

**79.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**79.7 Każ Ta Fra Ben – Rik.Ġur 966/2009**

Paul Bugeja iddikjara konflitt ta' nteress u warrab min mal-mejda.

Sad-data ta' din il-laqgħa, ħadd mill-partijiet l-oħra mdaħħla fil-kawża ma rrisponda għall-ittra bonarja tal-avukat Dr John Bonello, f'isem il-kunsill, bid-data ta' 23 ta' Mejju 2024. Għaldaqstant, il-kunsill qabel li jingħata terminu ta' żmien utli sakemm il-partijiet l-oħra jwieġbu għal ittra bonarja. Altrimenti jibdew proċeduri skond dak deċiż f'laqgħat preċidenti mill-kunsill.

**79.8 PA/03858/23 Empire Cinema Complex**

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni għall-fatt li din ma timxiex pari passu mall-policy ta' l-ippjanar. Għalhekk għanda tiddaħħal rappreżentazzjoni.

**79.9 PA/07387/22 Triq ir-Rumani c/w Triq is-Sardin**

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni għall-fatt li din ma timxix pari passu mall-policy ta' l-ippjanar. Għalhekk għanda tiddaħħal rappreżentazzjoni.

**79.10 PC/00031/22 Change in zoning - Triq Rizzi, Brankutli, Bekkun**

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni fuq il-mertu li żona hi riservata għall-villel u maisonettes b'limitu ta' bini ta' ċirka żewġ sulari għoli. Dan ifisser, li l-istess applikazzjoni ma timxix pari passu mal-policy eżistenti tal-ippjanar. Għalhekk għanda tiddaħħal rappreżentazzjoni.

**79.11 PC/0017/23 Mavina Hotel proposed changes to building alignment**

Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni pero bil-kundizzjoni li ma' jintilef l-ebda parkeġġ pubbliku u li t-triq tibqa' responsabiltà' tal-iżviluppatur.

**79.12 PA/03350/24 Cafeteria/Gelateria – Triq San Franġisk**

Il-kunsill oġġezzjona għal applikazzjoni għall-fatt li t-triq inkwisstjoni għadha ntatta minn negozji simili u għalhekk it-tali negozju mistenni jimpatta negattivament l-inħawi kemm mil-lenti ta' storbju kif ukoll mill-att ta' ambjent. Għalhekk għanda tiddaħħal rappreżentazzjoni.

**79.13 Affarijiet Oħra**

Ma kien hemm xejn.

**79.14 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

Ma kienx hemm x'jiġi approvat.

**79.15 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

Ma tressqet l-ebda skeda tal-pagamenti.

**79.16 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-18.05 u aġġornata għat-**Tnejn 1 ta' Lulju** 2024 fil-17.30 hrs.

Approvati fis-27 ta' Ġunju 2024

IFFIRMATI

Alfred Grima
Sindku

IFFIRMATI

Marico Sammut
Segretarju Eżekuttiv